# IT-TEORIJA TAL-“BIG BANG”

George Ebejer

It-teorija ta’ l-hekk imsejħa “Bib Bang” ma taqbel totalment xejn ma’ dak li tgħallem ix-xjenza vera. Dik hija teorija **skaduta** li llum hija mwarrba minn kulħadd.

Aħna nafu li kollox huwa magħmul minn *materja*, li tikkonsisti mit-92 *elementi naturali* bażiċi, imma minn fejn ġiet il-materja? Kif din marret matul l-univers kollu fil-forma ta’ pjaneti u kwiekeb? Kif iffurmaw il-galassji u s-sistema ikkumplikata u ibbilanċjata b’mod l-aktar delikat? X’hemm jew x’inhu dak li jżommhom fil-bilanċ? U kif il-liġijiet li jiggvernaw il-materja oriġinaw? Temmen int li dawn kollha oriġinaw b’ċans, permezz tal-ħrafa tal-Big Bang? Din il-ħrafa hija rrifjutata kemm mix-xjenzati għorrief u mis-sens komuni. Hemm imsemmija aktar minn 4,000 kwotaz-zjoni minn xjenzati li juru kemm hija falza din it-teorija.

Riċentament instab li mhux biss il-galassji qegħdin iduru imma l-univers kollu wkoll. Dan ukoll imur kontra t-teorija tal-Big Bang! Splużjoni tal-Big Bang kienet teqred il-materja kollha. Ix-xhieda hija ċara, kieku l-materja ħolqot lilha nfisha, dik il-materja kienet ukoll instantanjament teqred lilha nfisha. Ukoll, it-teorija tgħid li l-kwiekeb huma ffurmati minn splużjonijiet, imma: (1) **Jekk kewkba waħda splodiet**

**biex tifforma t-tieni kewkba, minn fejn ġiet l-ewwel kewkba?** (2) **Jekk kewkba kellha tkun meqruda biex tagħmel oħra,—minn fejn ġew il-biljuni kollha tal-kwiekeb l-oħra?** (3) **Jekk kewkba splodiet, il-gassijiet jiġu 'l barra jkomplu ħerġin 'il barra.**

Meta wieħed iħares minn teleskopju u jara l-miljuni ta' galassji, kull waħda fiha biljuni ta' stillel, dan jieqaf u jistaqsi: "Għaliex id-Dinja biss? Għaliex ebda postijiet oħra? Għaliex il-bniedem u l-ħajja jiġru hawn? Huwa dan l-uniku post li ġrat il-ħajja?" X'inhu dak li kkawża li nkunu hawn fuq pjaneta li nsejħula Dinja f'galassja li nsejħula l-'Milky Way'? Nistgħu aħna nsibu xhieda ta' disinn li tmur kontra ċ-ċans bħala alternattiva f'li nħarsu lejn il-kwalitajiet tal-pjaneta tagħna li jagħmluna kapaċi li nkunu hawn?

Fatt dwar il-galassja tagħna li huwa essenzjali għall-ħajja tagħna huwa l-pożizzjoni tas-sistema solari tagħna fil-galassja 'Milky Way.' Matul il-biċċa l-kbira tal-galassja tagħna l-qawwiet tal-gravità u dawk manjetiċi tant huma ntensi li sistema solari bħal tagħna u speċjalment pjaneta bħal tagħna ma jkunux jistgħu jibqgħu fl-eżistenza (ara **Milky Way**, Harvard Univ. Press, p. 269). Huwa biss f'żewġ "doughnuts" barra mill-assi tal-galassja li sistema solari tista' tibqa' statika bħal tagħna, fatt li fuqu tiddependi l-istorja tal-ħajja fuq din il-pjaneta (ara **Science**, V. 163, No. 3864, pp. 237-245). Hemm wisq x'jingħad dwar dan.

## *ID-DINJA BĦALA D-DAR TAL-BNIEDEM*

Mhux biss aħna għandna jkollna ix-xorta t-tajba ta' kewkba biex ikollna l-pjaneta Dinja, imma għandna wkoll ikollna l-pjaneta nfisha allokata f'distanza *preċiża* ħafna minn dik il-kewkba. Id-distanza tagħna għax-Xemx għandha tkun dik id-distanza li żżomm it-temperatura medja tagħna 'l fuq iż-żero u taħt il-100 grad. Jekk le, jew l-ilma kollu tagħna jkun fi stat ta' fwar jew ikun jeżisti biss bħala solidu. Billi hemm mill-inqas 10 iġsma planetarji, ngħoddu l-asterojdi, iduru max-Xemx u aħna ninsabu *fl-unika pożizzjoni adattata*, il-probabbiltajiet jintqal li huma b'mod raġju-nevoli bħala wieħed minn 10.

Ix-xorta ta' varjabilitajiet huma kważi infiniti. Id-Dinja ddur f'rata kritika għall-bilanċ tagħha tas-sħana. Hija għandha massa li tikkontrolla l-ħxuna u l-kom-pożizzjoni ta' l-atmosfera tagħha li hija wkoll kritika għall-ħajja. Id-Dinja hija mmejla fuq l-assi tagħha f'tali mod li aħna nesperjenzaw l-istaġuni, riħ u varja-zzjonijiiet ta' klima oħra essenzjali għall-eżistenza tal-ħajja. Id-Dinja tippossiedi għalqa manjetika li tippro-tieġi l-ħajja mill-frak ikkargat li jinżel mill-ispazju, u fil-fatt din tista' tkun l-aktar pjan importanti ta' lqugħ wara l-atmosfera nfisha. Jekk aħna nesprimu l-probab-bilitajiet ta' dawn il-ħwejjeġ jiġru sempliċiment f'ter-mini tal-membri l-oħra tas-sistema solari tagħna, aħna naraw li kull varjabilità hija murija b'probabbilità ta' wieħed f'għaxra.

Dawn il-ġrajjiet kollha setgħu jiġru faċilment f'kull post fil-ħolqien. Iżda, fil-każ tal-pjaneta Dinja, dawn kollha ġraw fl-istess post f'daqqa, u dak il-fatt ibiddel konsiderevolment l-istampa kollha. Ma jkun ifisser

xejn li jkollok il-kwekba t-tajba sakemm dik il-kewkba t-tajba ma tkunx fil-post it-tajjeb fil-galassja. Li jkollok il-kewkba t-tajba fil-post il-ħażin fil-galassja biex b'hekk l-għelieqi manjetiċi u tal-gravità tal-galassja jeqirdu għal kollox kull sistema solari ffurma-ta fir-reġjun tegħleb kull produzzjoni ta' pjaneta li tagħti l-ħajja.

Nassumu li aħna nikkalkulaw il-probabbilitajiet li jkollna l-varjabbilitajiet kollha li se nsemmi jiġru fl-istess post fl-ispazju permezz tal-Big Bang, jiġifieri, **li tkun fil-post it-tajjeb fil-galassja…1 f'150. Li jkollok il-kewkba t-tajba…1 f'1000. Li tkun id-distanza t-tajba mix-Xemx…1 f'10. Li jkollok il-massa xierqa…1 f'10. Li jkollok id-dawrien adattat…1 f'10. Li jkollok it-timjila t-tajba…1 f'10. Li jkollok għalqa manjetika kapaċi li tilqa' u tipprotieġi…1 f'10**. Dawn il-probabbilitajiet magħżula minn fost ħafna oħrajn, huma kollha meħtieġa għall-eżistenza tal-pjaneta Dinja. Din hija lista mhux kompluta għal kollox. Biex tikkalkula l-probbabiltajiet ta' dawn kollha jsiru fl-istess ħin u fl-istess post fl-ispazju, inti għandek timmultiplika dawn kollha flim-kien. Ukoll b'dawn il-figuri wisq konservattivi l-prob-babilitajiet ikun ċans wieħed fi 15,000,000,000 (15-il biljun).

Issa, biex nagħti bażi ta' paragun ħalli nsemmi statistika magħrufa sewwa. Għaqdiet tal-paraxutisti jsostnu li l-probabbilità li persuna tibqa' ħajja minn qabża minn fuq ajruplan f'għoli ta' 10,000 pied mingħajr paraxut hija ta' 1 f'10,000,000. Il-probabbiltajiet li jkun hemm pjaneta Dinja impoġġija kif inhi permezz

tal-Big Bang, b'ċans, bil-ftit parametri li jiena nkludejt huma ta' 1,500 agħar milli li tibqa' ħaj minn qabża minn fuq ajruplan f'għoli ta' 10,000 pied mingħajr paraxut. Eżempju, jekk jiena noffri miljun Lira lil xi ħadd biex jaqbeż minn fuq ajruplan f'għoli ta' 10,000 pied mingħajr paraxut, jekk jibqa' ħaj, taħseb int li dan se jaċċetta l-offerta? Il-probabbiltajiet li dik il-persuna tibqa' ħajja huma wisq żgħar. Meta inti tiċħad li Alla ħalaq kollox kif inhu u taċċetta ċans rimot tal-ħolqien, inti tkun qiegħed taċċetta ġrajja 1,500 inqas probabbli minn li inti tibqa' ħaj jekk taqbeż mingħajr paraxut minn fuq ajruplan.

Dawn huma biss ftit eżempji li wieħed jista' jġib bħala prova għall-ħolqien li naqraw dwaru f'Ġenesi. Dawn il-fatturi juru saħansitra aktar dwar id-disinn bil-għaqal ta' Alla li Jista' Kollox.